9 Leġiżlatura

AGENDA Numru 27

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar**

**Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali**

**Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 11 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 07 ta'Jannar 2021, fil-5:30pm.**
**Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu *online* skont l-Artiklu 1 ta'Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid -Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fl' 15 ta' Diċembru 2020.**

**Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.**

Mariella Strout — 07 ta' Jannar, 2021
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Daryl Connor — Viċi Sindku
- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Carlos Zarb — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier

Online

- Anne Fenech — Kunsillier
- Graziella Galea — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

**<u>27.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija</u>**

Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsilliera.

Il-Kunsillier Anthony Angelo Attard daħal fil-5.35pm.

**<u>27.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (26)</u>**

Paġna 1 – Il-kunsill approva li jiżdied l-isem tal-kunsillier Chris~~t~~ Vella Petroni mal-lista tal-kunsilliera preżenti.

Minuti approvati kif emendati.

**<u>27.3 Punti mill-minuti</u>**

**Pedestrian crossing Toni Bajada** – Il-kunsill ressaq rikjesta lit-TM biex minflok l-un/loading bay li tinsab fi triq Toni Bajjada ssir pedestrian crossing. Il-kunsill qabel li s-saħħa u s-sigurta tan-nies għanda tieħu preċidenza. Issemma l-fatt li l-un/loading bay inkwistjoni ġiet approvata fuq premessi ħżiena.

**Management Letter –** Il-kunsill ġie nfurmat li r-risposta tlestit u li ser tintbagħat lil NAO. Ġie spjegat, li bejn id-draft letter u l-ittra finali li l-Awdituri bagħtu lill-NAO kien hemm diskrepanza, fejn l-awdituri naqqsu numru ta' kummenti li l-NAO ma kienx qabel magħhom.

**Ħaddiema Operativ General Hand**- Il-Kunsill ġie nfurmat li ż-żewġ applikanti li ġabu l-iżjed marki ġew ingaġġati bħala ħaddiema ġodda fi skala ta' Operativ General Hand u bdew jaħdmu f'nofs Diċembru 2020.

Il-Kunsillier Stephen Cremona daħal għall-laqgħa fil-5.45pm.

Il-Kunsilliera Graziella Galea ġibdet l-attenzjoni dwar il-fatt, li l-liġi tal-Kunsilli Lokali tgħid li meta item mill-laqgħa ta'qabel jitħalla biex jiġi diskuss fil-laqgħa li jkun jmiss għandu jiġi fuq ta'l-Aġenda, wara dawk l-items li huma skont il-proċedura.
Tressqet mozzjoni millKunsilliera Graziella Galea għal sospenzjoni ta' l-aġenda biex is-suġġetti li kien fadal mill-aħħar laqgħa jiġu diskussi l-ewwel. Issekondat il-mozzjoni l-Kunsilliera Antoinette Bezzina.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq kontra mozzjoni sabiex għal din d-darba biss l-Aġenda tibqa' kif inhi biex jiġi żgurat li ma jintesa xejn. Is-sekonda l-mozzjoni il-Kunsillier Carlos Zarb

Ittieħed vot favur il-kontra mozzjoni mressqa mis-Sindku.

Favur – Sindku Alfred Grima, Viċi Sindku Daryl Connor, Kunsilliera Carlos Zarb, Paul Bugeja,Stephen Cremona, Mario Salerno, Anthony Delia.

Kontra –Kunsilliera Chris Vella Petroni, Anthony Angelo Attard, Antoinette Bezzina, Graziella Galea.

Astenzjoni –Kunsilliera Anne Marie Fenech, Alfred Bray.

***Il-kontra*** mozzjoni għaddiet.

**<u>27.4 Komunikazzjoni mis-Sindku</u>**

**Kas Kumpanija Dimbros -** Arbitration case number 6090/2020

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kumpanija Dimbros fetħet każ kontra il-Kunsill li jmur lura għas-sena 2012-2013. Il-Kunsill kien għamel l-almu tiegħu biex jasal f'arranġament iżda il-Kumpanija Dimbros ma kienetx sodisfatta. Dr David Bonello se jidher għall-Kunsill. Il-każ se jibda jiġi ttrattat fil-11ta' Jannar, 2021.

**Big Friends Google Music Malta**
Il-kumpanija ressqet proposta sabiex l-Kunsill jorganizza Attivita għall-Karnival. Hemm qbil unaninament li ma ssirx din l-attivita' minħabba s-sitwazzjoni preżenti.

**Go carts**
Tressqet applikazzjoni ( business concern ) minn Mr. Manuel Simau sabiex jintuża x-xatt ta' Buġibba għall sewqan ta'Go carts fuq il-bankina. Minħabba l-inkonvenjenza u saħħa u sigurta tal-pubbliku l-Kunsill m'approvax din it-talba.

**Konsultazjoni dwar il-riforma ta' l-immaniġjar ta' l-iskart**
Il-Kunsill irċeva korrispondenza mingħand l-AKL rigward il-laqgħa li ġiet imsejjħa mill-Assoċjazjoni sabiex il-Kunsilli jiddiskutu *Long term waste management plan 2021 – 2030*. Peress li l-laqgħa kienet qed issir fl-istess ħin ta' laqgħa tal Kunsill ġie deċiz illi l-Kunsilliera jaqraw dak li qed jiġi propost u jintbagħat feedback sa nhar t-Tlieta 12 ta' Jannar 2021. Dan biex tintbagħat risposta lill-Ministeru MSDEC. Ġie rimarkat li l-Konsultazzjoni ntbagħtet fi żmien qasir u fi żmien il-festi.

**Skema ta' Restawr**
Il-Kunsill ġie nfurmat dwar ċirkolari skema ta' restawr għas-sena 2021. Il-Kunsilliera ndikaw diversi postijiet fejn tista tkun applikata din l-iskema fosthom l-akwadott u l-kappela ta'San Pawl tal-Ħġejjeġ. Kien hemm qbil unanimu li l-akwadott li jinsab fi Triq Għajn Tuffieħa ~~Xemxija~~ għandu jingħata prijorita'f'din l-iskema.

**27.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Kunsillier Chris Vella Petroni staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv u lis-Sindku dwar**;**

- Jekk it-taraġ tal-Qawra fejn il-boat houses ~~jekk~~ hux ser jerġa' jsir**?**

Risposta: Il-Kunsill għadu qed jistenna risposta mingħand l-Awtorita' tal-artijiet dwar l-appell li kien ressaq kontra d-deċiżjoni li t-taraġ in kwistjoni ma jerġax jinbena mill-ġdid.

- Jekk hemmx risposta dwar il-parkeġġ tal-iskola tal-Qawra ?

Risposta: Il-Kunsill għad irrid jikteb lill-Principal u lill-Perit risponsabbli mill ~~tal-~~iskejjel dwar l-imsemmi parkeġġ.Il-Kunsill ma rċeviex korrispondenza relatata ma ~~ta'~~ kif ser jiġi maniġjat dan il-parkeġġ.

Il-Kunsillier Graziella Galea staqsiet lis-Segretarju Eżekuttiv dwar;

- Jekk intbatietx il-mistoqsija lid-Dipartiment dwar jekk jitnizlux jew le l-ismijiet fil-minuti per eżempju meta jinqraw rapporti bħal aġġudikazzjoni ta' sejħiet għall-offerti jew ingaġġ ta' ħaddiema.Risposta mis-Sindku: Il-liġi tgħid li ma jitnizlux ismijiet minħabba data protection act.

- Jekk il-Kunsill staqsiex jekk il-ba~~d~~ġit ta' Burmarrad għandux jkun wieħed separat? Risposta: Il-kunsill se jibgħat ghal kjarifika lil-DLG

**27.6 Rapporti u jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti – Baġit 2021**

Il-Baġit ġie diskuss fil-Laqgħa Ġenerali. Il-Kunsill approva l-baġit 2021 hekk kif tressaq.

**27.7 Item: Rikjesta minn AX Holdings biex issir rampa fuq bankina pubblika (sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xogħol li fadal mill-laqgħa ta' qabel)**

Tressqet rikjesta minn AX Holdings biex il-kunsill japprova li ssir rampa minn wiċċ il-bankina għat-tarġa tar-restorant għal użu tal-wheel chairs. Issemma l-fatt, li bl-approvazzjoni ta' din ir-rikjesta l-kunsill se joħloq preċident. Il-Kunsillier Alfred Bray ressaq mozzjoni favur l-approvazzjoni tar-rikjesta. Il-Kunsillier Mario Salerno issekonda.

Favur – Viċi Sindku Daryl Connor,  Kunsilliera Alfred Bray, Mario Salerno, Anthony Attard, Chris Vella Petroni, Antoinette Bezzina, Graziella Galea, Anne Fenech, Anthony Delia.

Kontra – Sindku Alfred Grima, Kunsilliera Carlos Zarb, Stephen Cremona, Paul Bugeja

Il-Kunsill approva r-rikjesta mressqa.

**27.8 Responsabilitajiet assenjati lill-Kunsillieri**

Is-Sindku nforma li kienet tinħass il-ħtieġa ta' bidla fil-kariġi tal-Kunsilliera. Dan sabiex jissaħħu ċertu oqsma li sa issa jidher li ma tantx inagħtaw l-importanza mistennija. Għal dan il-għan ġiet ippreżentata lista bil-karigi ġodda.

L-Indafa – Viċi Sindku Daryl Connor
L-Ambjent – Kunsillier Mario Salerno
Iż-Żagħżagħ u Tfal – Kunsillier Carlos Zarb
Sports u Attivitajiet Fiżiċi- Kunsillier Chris Vella Petroni
L-Innovazzjoni – Kunsillier Carlos Zarb
L-Infrastruttura – Sindku Alfred Grima
Proġetti – Sindku Alfred Grima
L-Anzjani – Kunsillier Antoinette Bezzina
L-Edukazzjoni – Kunsillier Anne Fenech
Il-Kultura – Kunsillier Mario Salerno
Komunita' ta' Burmarrad – Kunsillier Graziella Galea
Il-Qasam Soċjali – Kunsillier Anthony Delia
L-Integrazzjoni Soċjali – Kunsillier Anthony Angelo Attard
Il-Ħarsien ta' l-Annimali – Kunsillier Alfred Bray

**27.9 Item: Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Il-Kunsill qabel li l-Assistant Prinċipal Sandra Grech tkun Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**27.10 Item: Proposta twaqqif ta' grupp volontarju (sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xogħol li fadal mill-laqgħa ta' qabel)**

Tresqet proposta sabiex jitwaqqaf grupp volontarju li jkun jista jgħin kemm fi clean ups bi skeda kif ukoll f'xi manutenzjoni żgħar.
Il-Kunsill qabel ma din il-proposta

**27.11 Item: Xogħol ta' Patching Eċċessiv**

Ġiet mressqa korrispondenza mibgħuta mill-Perit tal-Kunsill rigward xogħlijiet ta'patching fi triq San Pawl u Plajjet Bognor. Il-Kunsill ġie nfurmat li waqt li kienu qedin isiru ix-xogħolijiet instabu diversi partijiet li kienu jeħtieġu nterventi ferm aktar minn dak previst. Konsegwenza ta' hekk, se jkun hemm varjazzjoni mill-istima oriġinali li approva l-kunsill. Il-kunsill qabel li jimxi ma dak rakomandat mill-perit u approva l-ħlassijiet neċessarji.

**27.12 Item: Proġett propost Triq Parades u Triq San Pawl.**

Waqt laqgħa tal-Bord ta l-Infrastruttura li nżammet nhar id-29 ta'Diċembru, 2020 ġie proponut li l-Kunsill iressaq is-segwenti kundizjonijiet lis-Sur Matthew Fenech bħala bażi għall-ftehim ta' proġett bejn Triq Parades u Triq San Pawl li jinkludi l-bini tal-uffiċċju amminitrattiv għall-kunsill kif ukoll li tiġi krejata pjazza ġdida fi Triq San Pawl. Il-Kunsill diġa ħa deċiżjoni fuq proposta nru.3.

Ir-rekomandazzjonijiet li tressqu huma:

1) Illi, il-Kunsill jibbenifika minn ufficju amministrattiv ċirċa ta' elf metru kwadru (1,000) lest minn kollox (finished) inkluż ufficini mgħammra bl-arja kundizzjonata, bibien u diviżorji. Il-bini irid jinkludi sala li tista tintuża għall-komunita,
2) Illi, il-binja eżistenti li qeda fi Triq San Pawl titwaqqa' u terga' tinbena fi Triq Parades f'area circa ta 40 metru x 20 metru.
3) Illi,il-pjazza publika tibqa pedonali fejn il-manutenzjoni tagħha tkun għall-inkarigu tad-Developer.
4) Illi, il-proġett irid jinkludi latrina pubblika li tkun tista tintuża mingħajr xkiel mill-pubbliku nġenerali .
5) Illi, il-kunsill jibbenifika minn tletin (30) parkeġġ riservat eskussivament għall-kunsill.
6) Illi, il-pubbliku ġenerali jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu ħamsin (50) parkeġġ riservat għaliħ.
7) Illi, dan il-ftehim jeħtieġ jeħtieġ li jiġi approvat mill-Awtoritajiet kompetenti u l-Gvern Ċentrali.

Il-Kunsill unanimament qabel mar-rakomanzzjonijiet tal-Bord ta' l-Infrastruttura u li dawn jintbaghtu kemm jista jkun malajr lid-developer.

**27.13 Item: Ismijiet ta' toroq**

Is-Sindku Alfred Grima irringrazzja lill-kunsilliera li bagħtu l-proposti għat-tismija ta' toroq ġodda. Ġew proponuti ismijiet ta' individwi, ħut u opri tal-baħar.

Il-Kunsilliera Graziella Galea ressqet mozzjoni sekondata mill-Kunsilliera Antoinette Bezzina favur li t-toroq jissemmew għal individwi.

Il-Kunsillier Paul Bugeja ressaq kontra mozzjoni sekondat minn Kunsillier Carlos Zarb favur li t-toroq jissemmew għal opri tal-baħar, jew dak kollu li għandu x'jaqsam mal-baħar.

Ittieħed vot fuq il-kontra mozzjoni mressqa mil-Kunsillier Paul Bugeja.

Favur – Sindku Alfred Grima, Viċi Sindku Daryl Connor, Kunsilliera Paul Bugeja, ~~Adrian~~ Anthony Delia, Mario Salerno, Stephen Cremona, Carlos Zarb, Alfred Bray, Anne Fenech.

Kontra – Kunsilliera Graziella Galea, Antoinette Bezzina, Chris Vella Petroni, Anthony Angelo Attard.
Astensjonijiet- Ħadt

Il-Kontra mozzjoni għaddiet. fejn il-kunsill għażel l-ismijiet segwenti għat-toroq imsemmiegħa u dawk futuri.

Triq id-Denfil
Triq il-Lanċa
Triq l-Awrat
Triq l-Ispnott
Triq is-Serena
Triq l-Ammiral
Triq il-Gig
Triq ir-Randanċa
Triq il-Barbetta
Triq il-Bokkaport
Triq it-Tmun
Triq il-Vopi

**<u>Każ - Triq il-Ballut,Wardija</u>** F'korrispondenza bejn il-Kunsill u d-Dipartiment tat-tismija tat-toroq instab li l-isem ta' Triq il-Ballut, meta kien ġie rivedut l-isem fil-Gazzetta tal-Gvern datata t-3 ta' Frar, 1961, saret riferenza għalija bħala 'Triq mingħajr isem fil-post magħruf bħala 'Ballut tal-Wardija'u li m'hemm l-ebda riferenza minn fejn safejn tasal din it-triq. B'hekk sabiex jiġu mwaħħla tabelli f'din it-triq id-Dipartiment isseġġerixa li jkun aħjar li din tkun sanzjonata, billi ssir applikazzjoni ġdida flimkien mal-estensjonijiet tagħha lill-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq.

Il-kunsill qabel li tintbaghat korrispondenza lil Lands u li jinġiebu site plans biex ikun magħruf minn fejn sa fejn hi l-art pubblika.

**<u>27.14 Item: Performance Bonus 2020 – Segretarju Eżekuttiv</u>**
**<u>Kummenti mis-Sindku l-appraisal performance report</u>**

Is-sena 2020 kienet l-ewwel sena sħiha ta' din il-Leġiżlatura, fejn il-volum tax-xogħol li wettaq il-kunsill żdied sostanzjarjament fuq is-sena preċidenti.Il-puntwalita ngħatat

prijorita, u dan ghen biex il-kunsill ikun konformi mal-proċeduri stabbiliti, inkuż dawk finanzjarji. Dan il-fatt għen ukoll biex is-Segretarju Eżekuttiv tkun f'pożizzjoni li tattendi diversi konferenzi u seminars li għinuha tkabbar l-għarfien dwar proċedura, u d-diversi doveri u responsabilitajiet fi ħdan il-kunsill. Serva ukoll biex issaħħet il-koperazzjoni u l-kordinazzjoni bejn s Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku kif ukoll l-kunsill.

Il-volum qawwi ta' xogħol fil-kunsill ta' San Pawl il-Baħar jiddetta, li aktar xogħol amministrattiv jiġi delegat mis-Segretarju Eżekuttiv lill-Assistenti tagħha. Żgur, li mhux possibbli li jitwettaq ix-xogħol kollu meħtieġ minn persuna waħda mingħajr ma jiġi affetwat negattivament il-kunsill.

Fil-fehma tiegħi, il-ħidma mwettqa fis-sena 2020 mis-Segretarju Eżekuttiv tal-kunsill kienet sodisfaċenti, u għalhekk dan iġgħelni, li nipproponi li l-kunsill japprova bonus massimu ta' 10%.

Wara li s-Sindku Alfred Grima qara l-appraisal performance report il-Kunsill approva bonus ta' 10% lis-Segretarju Ezekuttiv.

**27.15 Item: Performance Bonus 2020 – Staff Amministrattiv tal-Uffiċċju tal-Kunsill**

Il-Kunsill approva il-performance bonus hekk kif issuġġerit mis-Segretarju Eżekuttiv : 6% għall-impjegati kollha b'eċċezzjoni għall-aħħar żewġ ħaddiema li ġew ingaġġati fejn dawn jingħataw bonus ta' 3%.

**27.16 Approvazzjoni ta' Kontijiet u xiri ta' oġġetti / servzzi**

Ma kienx hemm oġġezzjoni għal iskeda tal-pagament, għalhekk din ġiet approva kif prezentata.

**Pubblikazzjoni tal-ktieb miktub minn Keith Muscat** – Il-kunsill qabel li jintalab sample simili tal- prodott.

**Stima twaħħil ta' bozoz ġodda** - Il-Kunsill irċieva mingħand l-Inġinier Mario Galea dwar l-istima għat-twaħħil ta' bozoz ġodda f'diversi toroq. Jirriżulta, li fl-istima oriġinali kien hemm ~~ċertu~~ żballji bl-istima se tvarja b'€21,115.00. Jidher, li dan seħħ minħabba l-fatt, li t-trenching fil-bankini ma ġiex inkluż fl-istima oriġinali.

Il-Kunsill qabel li x-xogħolijiet jitkomplew.

**Trakk tal-Kunsill KBM 554 -** Il-kunsill ġie nfurmat li t-trakk tal-Kunsill l-isfar bin-numru KBM 554 qed ikollu spejjez kontinwi u għalekk hemm bżonn li jinbidel. Ġie maqbul li tinħareġ sejħa mill-aktar fis biex tinxtara jew li jsir leasing ta' vettura li ma taqbizx 3.5 tunnelati, bit-tail lift, li kapaċi jagħabbi 5/6 persuni.

**Dwal uffiċju amministrattiv** – Il-Kunsill ġie nfurmat li fil-bidu tal-leġiżlatura l-oħra l-kunsill kien qabel li jinbidel id-dawl ta' l-uffiċju amministrattiv minn tubi komuni għal dawk LED's.
Il-kunsill approva l-bdil tad-dwal inkwistjoni sa massimu ta' euro 5,000.

**<u>27.17: Aġġornament għall-laqgħa li jmiss</u>**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-8.30pm fejn din ġiet aġġornata għal 4 ta' Frar, 2021.

____________________ ________________________

| | |
|---|---|
| Alfred Grima | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |